# MELITA BAND CLUB

A.D. 1922

MSIDA

FESTA TA'

## SAN ĠUŻEPP



MSIDA

24 TA' LULJU, 1966

## PROGRAMM MUŻIKALI u MARĊI

li se jindaqqu fil-Festa

taħt it-tmexxija

tas-Surmast

**PHILIP GATT**
F.L.C.M., A.R.C.M.

## IL-ĠIMGĦA, 22 ta' LULJU, 1966

Il-Banda Melita ddoqq is-soltu marċi brijużi fit-toroq ta' l-Imsida.

Il-Marċ jibda fit-8.00 p.m. minn quddiem il-knisja u jgħaddi mit-toroq to Gatt, Emm. Morello, Carm. Zammit, L. Bongailas u J. Mick.

Il-Marċi se jkunu kompożizzjonijiet tas-Surmastrijiet Ph. Gatt, Adeoda- Ta' Xbiex Sea Front, Antonio Sciortino Street, Church Street, Antonio Bosio Street, New Street, D'Argens Road, Conception Street, Valley Road u jispiċċa quddiem il-każin tal-Banda.

IL-KUMITAT.

## IS-SIBT, 23 ta' LULJU, 1966

Lejlet il-Festa tal-

KBIR PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

PROGRAMM MUŻIKALI

Quddiem il-Knisja ta' l-Imsida, mit-8.00 p.m. 'il quddiem

*Innu tal-Papa*

*Innu San Ġużepp*

| | | |
|---|---|---|
| Overture | *"Nabucco"* | G. Verdi |
| Selection | *"Don Carlos"* | G. Verdi |
| Prologo | *"Mefistofele"* | A. Boito |
| Marcia Sinfonica | *"Palermo"* | F. Marchetti |

*Innu tal-Banda Melita*

*Innu Malti*

Mro. Ph. Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.,

Surmast Direttur.

# IL-FESTI ĊENTINARJI TAL-PARROĊĊA — 1967

Misidjani,

Sena oħra, u nkunu qegħdin niċċelebraw l-ewwel mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna. Ilkoll kemm aħna bħala Misidjani, mil-lum inħossu l-ferħ ta' dan l-avveniment hekk kbir u storiku li ġej, l-ewwel għaliex aħna bħala Misidjani li nħobbu lil pajjiżna nkunu rridu nuru lil ħutna l-Maltin l-oħra kemm aħna kburin li għal seklu sħiħ żammejna l-prestiġju għoli tagħna ta' għaqda u progress, u t-tieni għaliex aħna se nkunu xxurtjati li ninsabu f'din il-ġenerazzjoni li tista' tara u tiċċelebra l-ewwel ċentinarju tal-Parroċċa.

Għalhekk hemm bżonn li lkoll kemm aħna ngħinu biex il-knisja u kull għaqda Misidjana jkunu jistgħu jagħtu l-kontributi tagħhom biex iċ-ċelebrazzjonijiet ikunu xierqa u qatt minsija tul is-seklu ieħor li ġej.

Il-Banda MELITA tagħna, b'erbgħa u erbgħin sena warajha ta' ħidma u kontributi versu l-pajjiż tagħna mhux sejra tonqos li f'din l-okkażjoni unika ma tkunx minn ta' l-ewwel li torganizza attivitajiet biex ikollna festi xierqa. Il-Kumitat jispera li l-problemi diffiċli li s-Soċjeta' għandha bħal issa jispiċċaw f'qasir żmien biex dak li ilha tħejji għall-festi Ċentinarji jiġi mwettaq kif mixtieq kemm mill-Kumitat u mill-Membri.

Fost attivitajiet li qed jiġu ppreparati hemm Exhibition tat-talent Misidjan matul dan is-seklu, Bandalora xierqa lill-Banda, żewġ "banners" li jekk kollox imur kif inhu ppjanat se jiġu mogħtija mill-komunitajiet Maltin-Misidjani fl-Awstralja u l-Kanada, Innu bil-kor taċ-ċentinarju, Innu bil-kor u l-vuċijiet lil San Ġużepp, u ħafna iżjed li jsebbħu l-festa u jimlew lil kull Misidjan bi spirtu mixtieq.

Għalhekk, il-Kumitat jappella biex tkunu ġenerużi u għas-sena li ġejja kull Misidjan jikkoopera u jgħin lil kull għaqda li tkun se tagħmel xi attivita' biex iżżid is-suċċess mistenni tal-Festi Ċentinarji tal-Parroċċa.

VIVA SAN ĠUŻEPP U VIVA L-IMSIDA

IL-KUMITAT

- KODACOLOR
- AGFACOLOR
- ECKTACHROME

FILMS TAL-KULUR

ŻVILUPPATI U STAMPATI

FI 3 IJIEM BISS

ARTCOLOR LABORATORIES

60a, STRAIT STREET, IL-BELT

Tel. 26983


EMPIRE PRESS — Floriana.